**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 6 – 20 ta' Awwissu 2015**

***Minuti tas-6 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Hamis, 20 ta' Awwissu, 2015 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 6. Il-laqgha bdiet fis-6:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Bartolo** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **Philip Said** | Kunsillier |
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Robert S. Tabone** | Works Co-Ordinator |
| | **Philip Edrick Zammit** | Ambaxxatur taz-Zghazagh |

**Uffiċċjal prezenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Ezekuttiv

1. **Vot tal-Flus**

Is-Sindku Sarah Agius pprezentat il-vot tal-flus ghall-approvazzjoni. Is-Sindku Sarah Agius proponiet li l-vot jigi approvat kif mressaq, filwaqt li l-Vici-Sindku Alfred Grixti ssekonda din il-proposta. Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo qalet li hija ser tastjeni mill-Vot tal-Flus fuq punti 2 u 7. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li ser jastjeni fuq punti 12 u 16, filwaqt li l-Kunsillier George Cortis qal li ser jastjeni fuq punt 12.

Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Vernalise Bartolo, Clive Azzopardi, Chris Bongailas, Roderick Aquilina, George Cortis, u Kevin Glynn.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-vot tal-flus gie approvat. (27)

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li kien ghadu gej minn mawra li ha fuq inizzjattiva personali gewwa Aggira. Huwa kien akkumpanjat mill-President tal-Kazin Banda San Filep, Dr. Philip Sciortino. Huwa xtaq jaghmilha cara li kemm din id-darba u anke is-sena li ghaddiet, il-mawriet li saru ghall-festa ta' San Filep f' Aggira kienu kollha minn butu. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li f'dan iz-zmien li kienet impjegata hi hemmhekk, il-mawriet ghall-festa kienu ffinanzjati mill-individwu.

2. **Impjieg gdid – Assistant Clerk**

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li ma jaqbilx mal-mod kif saru l-affarijiet ghaliex dak li gie miftiehem ma giex osservat. Il-Kunsillier Roderick Aquilina tenna jghid li l-bord li

gie mahtur ma jarahx indipendenti ghax il-membri kollha ghandhom konnessjonijiet politici. Huwa qal li kellu jkun hemm rapprezentant minn kull naha josserva l-process.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li ser jastjeni minn dan il-vot tal-ghazla mhux ghax ghandu kontra min ha jintaghzel imma minhabba r-ragunijiet li ghadu kif semma'.

Is-Sindku Sarah Agius qalet f'bord indipendenti ma jfissirx li l-membri tal-bord m'ghandhomx fehma politika. Skont is-Sindku Sarah Agius, fil-laqgha precedenti, is-Segretarju Ezekuttiv, kienet qalet li minhabba li qed jaghfas iz-zmien, jehtieg li jigi deciz kif ser jitmexxa l-process. Ir-risposta li nghatat kienet li l-process ghandu jitmexxa bit-tlieta proponuti mill-PL minhabba li t-tnejn l-ohra tal-PN jigu mressqa fil-laqgha li jmiss. Is-Segretarju Ezekuttiv kkonfermat dan kollu u qalet ukoll li semghet ir-*recording* ta' l-istess laqgha sabiex tikkonferma dan ukoll. Ir-recording jghid precizament dak li qed jintqal mis-Sindku. Hija qalet ukoll lill-Kunsillier Roderick Aquilina li estratt ta' madwar 20 minuta mir-recording ta' dik il-laqgha seta' jinstema' minnufih. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li m'ghandux hin jisma' dak ir-recording minhabba li kien ghad baqalu zewg laqghat ohra aktar tard dakinhar.

Il-Kunsillier George Cortis talab li tigi sospiza l-laqgha fis-6:53pm. Il-laqgha tkompliet fis-6:55pm.

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li skont ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla liema rapport kien disponnibli fuq il-mejda, il-Kunsill jaghzel lis-Sinjorina Lona Lia ghal dil-kariga. F'kaz li din ma taccettax, l-ghazla ghandha taqa' fuq is-Sinjorina Kathleen Dimech minhabba li giet it-tieni f'dan ir-rapport. Din il-proposta giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Chris Bongailas, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Il- Kunsilliera Roderick Aquilina, Kevin Glynn, u George Cortis,

Ghaldaqstant il-proposta ghaddiet. (28)

## 3. Affarijiet Ohra

### 3.1 Patching fiz-zona tal-Grazzja

Is-Sindku Sarah Agius qalet li bhalissa qed jingabru stejjem ghal materjal li jintuza ghall-patching sabiex jinghalqu l-hofor li hemm fiz-zona tal-Grazzja, bil-haddiema tal-Kunsill stess. Is-Sindku kompliet tghid li din hija biss mizura temporanja. Hija talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jinforma lid-Dipartiment b'din il-mizura.

Din il-proposta giet sekondata mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot.

Kien hemm qbil unanimu. (29)

### 3.2 Memo 19/2015

Is-Segretarju Ezekuttiv gabet ghall-attenzjoni Memo 19/2015 li kienet titratta suggerimenti dwar hinijiet differenti li l-Kunsill kien qed jissuggerixxi li jsir il-gbir tal-iskart. Wara diskussjoni gie deciz li anke minhabba l-fatt li l-Kunsill qatt ma rcieva talbiet sabiex jinbidel il-hin tal-gbir tal-iskart u anke minhabba li ma jinholoqx traffiku waqt il-hin tal-gbir, il-Kunsilliera qablu li l-hin ghandu jibqa dak li hu bhalissa. (30)

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li hawn hafna nies li ghadhom johorgu l-iskart kif jidlam ghall-ghada filghodu. Huwa staqsa wkoll jekk hux possibli li l-kollezzjoni tal-iskart minn Triq il-Kbira issir bi trakk zghir.

### 3.3 Korrispondenza minn MASE

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni korrispondenza li ntbaghtet minn MASE dwar cerimonja ta' ghoti ta' certifikati mill-Onor. Dr. Michael Farrugia nhar il-11 ta' Settembru 2015. MASE talbu li jinghalqu Triq Guze Abela u Triq Frans Sammut minn 12.00pm sa 12.00am. Il-Kunsilliera ma kellhom l-ebda oggezzjoni li ssir din l-attivita f'dawn it-toroq.

**3.4 Talba ghall-kumpens**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li nhar is-27 ta' Lulju 2015 hija u l-Works Co-ordinator Robert Tabone kienu fi Triq l-Eroj, fejn iltaqghu mas-sinjura Manwela Ciappara li hija residenti f'din it-triq, b'wiccha mbengel. Hija qaltilhom li kienet zelqet xi jiem qabel fuq il-haxix li kien ghadu kif inqata'. Ghalhekk huma talbuha evidenza ta' dan kollu sabiex tkun tista tigbor l-ispejjez li kienet nefqet kawza ta' dan l-incident.

Is-Sindku Sarah Agius qalet li fit-13 ta' Awwissu, s-Sinjura Ciappara gabet nota minghand id-dentist, li lanqas biss kellha rcevuta fiskali u meta giet mistoqsija x'kien qallha t-tabib, is-Sinjura wiegbet li ma kinitx rat tabib.

Is-Sindku pproponiet li minhabba li ma xtaqitx li jinholoq precedent ghax ma kienx hemm provi, il-kumpens ma setax jinghata lis-Sinjura. Hija giet sekondata mill-Kunisllier Clive Azzopardi.

Kien hem qbil unanimu ghall-proposta. (31)

**3.5 Meters tad-Dawl f'tar-Ramel u fi Triq il-Fortizza**

Kien hemm qbil unanimu (32) li dawn l-meters jitwaqqfu minhabba li ma kienux qeghdin jithaddmu dawn il-cameras.

**3.6 Ittra lill-On. Dr. Godfrey Farrugia**

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona li tintbaghat ittra ta' awguri ta' fejqan lil Dr. Godfrey Farrugia mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li dan isir. (33)

**3.7 Boutique Hotel fi Triq San Guzepp**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni korrispondenza li kienet irceviet dwar dan is-suggett. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill precedenti kien ser joggezzjona diment li ma jinghatax aktar informazzjoni. Id-decizjoni mill-Mepa ser tittiehed f'Settembru li gej. Huwa kompla jghid li fil-principju l-Kunsill m'huwiex kontra l-Boutique Hotels. Il-MEPA trid taghmel l-istudji taghha dwar l-impatt li dan l-izvilupp ihalli. Dan l-istudju ghandu jinghata lill-Kunsill sabiex hemm imbaghad tkun tista' tittiehed din id-decizjoni. Il-Kunsillier Chris Bongailas talab lis-Segretarju sabiex tinforma

lill-MEPA li l-Kunsill ghandu bzonn id-DPA report sabiex jkun jista jaghmel id-decizjoni tieghu.

Fis-7.30pm il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jkun skuzat minhabba mpenji ohra ghall-kumplament tal-laqgha.

**3.8 Talbiet ghall-Mirja**

Il-Kunsillier George Cortis ppropona li talbiet ghall-mirja tat-traffiku jintlaqghu biss meta l-pubbliku in generali jkun ser igawdi minnhom. Meta dawn il-mirja ikunu ser jibbenefikaw individwi, dan ghandu jibda jhallas ghaliha. Il-Kunsill jaghmel l-installazzjoni ta' dawn il-mirja bla ebda hlas ghal dan is-servizz, filwaqt li l-individwu jhallas ghall-mera.

Fit-7.45pm, il-Kunsillier Clive Azzopardi talab li jkun skuzat minhabba impenji ohra.

Il-Kunsillier George Cortis gie sekondat mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Kien hemm qbil unanimu li din il-proposta tghaddi. (34)

**4. Aggornament**

Il-laqgha spiccat fit.8.00pm u sar aggornament ghal-laqgha li jmiss ghas-17 ta' Settembru 2015 fis-6:30 pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |